# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF

## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2001.**

**Kawza Numru: 26**

**Citaz. Nru. 191/00GV**

Doc. 168-01

**Joseph u Carmen konjugi Gaffarena**

**vs**

**Daewoo Malta Limited u b'digriet tat-30 ta' Mejju, 2001, l-isem gie mibdul ghal Paola Motors Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-atturi huma kredituri tal-konvenut fis-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000) liema somma hija dovuta skond skrittura privata datata 27 ta' April, 1999, u dana billi l-vetturi hemm imsemmija ma gewx konsenjati sa l-ahhar tas-sena li ghaddiet u ghalhekk l-ammont hawn mitlub gie dovut fl-1 tas-sena kurrenti.

Premess illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dan id-debitu pero' baqa' inadempjenti u anzi sahaq jallega li hemm kambjala ghal din is-somma, li fil-fatt m'hemmx.

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma

tal-attur il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra ttalba attrici ghall-hlas ta' dan id-debitu.

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:

I. Tipprocedi ghas-sentertza skond it-talba tal-istanti biddispenza mis-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tatl-Kapitolu 12;

2. Tikkundanna l-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' sift elef lira Maltin (Lm6,000) dovut skond l-iskrittura privata datata 27 ta' April, 1999.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' Daewoo Malta Limited a fol. 16 fejn eccepiet:

1. Fl-ewwel lok il-fatt illi l-ammont pretiz mill-atturi mhux dovut stante illi anke kif tghid l-iskrittura stess (Dok. "A") fl-artikolu *5*, l-ammont pretiz kien rappresentat minn kambjala iffirmata u accettata mis-socjeta' konvenuta a favur tal-atturi, liema kambjala ghadha ma skadietx;

2. In sussidju u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke kieku stess l-ammont ma kienx rappresentat minn kambjala, xorta wahda *ai termini* tal-artikolu 5 tal-istess skrittura (Dok. "A") l-ammont pretiz ghadu mhux dovut, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza u kif ghandu jirrizulta mill-interpretazzjoni tal-istess skrittura;

3. In sussidju u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kienu l-atturi stess illi ma resqux sabiex jiehdu l-konsenja tal-vetturi msemmija fl-artikolu *5* tal-iskrittura msemmija u ghalhekk ma jistghux jippretendu l-hlas tal-ammont pretiz meta’ s-socjeta’ konvenuta kienet u ghadha pronta li tikkonsenja l-vetturi msemmija.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri a fol. 29;

Rat il-verbali a fol. 37 u 38;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li dina l-Qorti tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta’ l-istanti bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a termini ta’ l-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 (Din it-talba ma ntlaqatx u l-konvenuti nghataw l-opportunita’ li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom). Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta’ Lm6,000 dovuti skond skrittura privata datata 27 ta’ April, 1999.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li l-ammont pretiz mhux dovut *stante* li l-ammont rapprezentat mill-kambjala ffirmata u accettata mis-socjeta’ konvenuta

ma skadietx;

Anke kieku stess l-ammont ma kienx rappresentat minn kambjala, xorta wahda a termini ta’ l-artikolu 5 ta’ l-iskrittura privata Dok. A l-ammont pretiz ghadu mhux dovut kif jirrizulta mill-interpretazzjoni ta’ l-istess skrittura;

Kienu l-atturi stess li ma resqux sabiex jiehdu l-konsenja tal-vatturi imsemmija fl-artikolu 5 ta’ l-iskrittura u ghalhekk ma jistghux jippretendu l-hlas ta’ l-ammont pretiz meta s-socjeta’ konvenuta kienet u ghadha pronta li tikkonsenja l-vetturi imsemmija.

B’nota a fol. 29 il-konvenuti eccepew ulterjorment li l-ammont pretiz qatt ma jista’ jkun dovut *stante* li l-istess atturi naqsu li jonoraw l-obbligu taghhom minnhom assunt fl-artikolu 4 u ma ttrasferewx lis-socjeta’ konvenuta l-ishma fis-socjeta’ Gaff Import Limited.

**PROVI**

**Mark Gaffarena** xehed li l-konvenut kellu jaghtihom Lm180,000. Kienu ghamlu kambjali ghal Lm150,000 u kien hemm Lm30,000 ohra li kellhom jithallsu permezz ta’ zewg karozzi. Il-konvenut ried jaghtihom il-karozzi bhala parti mis-somma.

**L-attur** ikkonferma li kienu saru biss kambjali ghas-somma ta’ Lm150,000.

**Dr. Keith Bonnici** xehed li kien intlahaq bejn il-partijiet il-ftehim li gie ezibit bhala Dok. A. Kienu stabbilew bilanc ta’ Lm180,000 li minnhom Lm30,000 kellhom jithallsu b’zewg karozzi. Il-konvenut ma kellux dawn il-karozzi Malta imma kienu ordnati. Dawn kellhom jigu konsenjati sa

l-ahhar tan-1999. Jekk dawn il-karozzi ma jigux konsenjati kellhom minflok jithallsu fi flus. Ma kienux saru kambjali fuq dawn it-Lm30,000 billi kienu ser jigu konsenjati zewg karozzi minflok. Il-kambjali saru ghal Lm150,000 u dawn gew girati favur terzi. Scicluna ghandu biss kopji ta' kambjali ghal Lm150,000 biss u xejn aktar. Billi l-karozzi ma kienux gew konsenjati, l-attur ried il-flus. Meta hu kellem lill-konvenut, dan qallu li l-karozzi kienu waslu u l-attur ma kienx gabarhom.

**Il-konvenut Joseph Scicluna** xehed li kien iffirma kambjali ghall Lm180,000 u l-attur kellu xelta li jaghzel zewg karozzi sa Dicembru tan-1999 ghal Lm30,000 imma l-karozzi ma ridhomx. L-attur ghandu kambjali ta' Lm30,000 li kellu jaghtihomlhom jekk jiehu l-karozzi. Il-kopji tal-kambjali li ghandu (il-konvenut) ma jwasslux ghal Lm180,000, imma ghall Lm150,000. L-attur ried xi haga flok il-karozzi f'kaz li jigi li jkollu jitlob il-flus. Hu qatt ma kien infurmahom li l-karozzi kienu waslu, imma kien qed jistenna li l-attur imur ghalihom. Meta rega' xehed il-konvenut qal li l-attur ried jaccerta ruhhu dwar il-pagament tat-Lm30,000 u ghalhekk saru il-kambjali tal-Lm180,000 li kienu jinkludu it-Lm30,000. L-attur ma kienx ghamel it-*transfer* tas-*share* skond l-artikolu 4 tal-ftehim u ghalhekk ma setghax ibiegh affarijiet li jirrikjedu l-firma ta' l-attur. Lm150,000 mill-kambjali gew girati fuq terza persuna u qed ihallsahom. Huma kienu hadu kopja tal-kambjali. Hu kien qabbad lil Tony Mamo jaghmel kopji tal-kambjali. Id-dokumenti ghadhom ghandu. Dwar it-*transfer* tas-*shares* hu kien qal lil Dr. Bonnici biex ikellem lil Dr. Borg l-avukat tieghu. Hu ma setghax jikkonsenja l-karozzi lill-attur billi kien qed jinnegozja mal-bank.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallsu Lm6,000 dovuti skond skrittura privata datata 27 ta' April, 1999. Dan id-dokument

jinsab a fol. 7 tal-process. Il-partijiet mhux qed jaqblu fuq l-interpretazzjoni tal-klawsola 5 li tinsab a fol. 6 tal-process.

L-attur qed isostni li kienu saru kambjali ghal Lm150,000 u kien hemm Lm30,000 ohra li kellhom jithallsu permezz ta' zewg karozzi. Il-konvenut ried jaghtih dawn il-karozzi bhala parti mis-somma.

Minn naha l-ohra l-konvenut qed isostni li l-kambjali kienu saru ghas-somma kollha ta' Lm180,000 u l-attur kellu xelta li jaghzel zewg karozzi sa Dicembru tan-1999 ghal Lm30,000 imma l-karozzi l-attur ma hadhomx. l-konvenut qal li l-attur ried jaccerta ruhhu dwar il-pagament tat-Lm30,000 u ghalhekk saru il-kambjali tal-Lm180,000 li kienu jinkludu it-Lm30,000.

Il-konvenut irrefera ghal l-ahhar parti tal-klawsola 5 tal-ftehim u qal li dina tikkonferma it-tezi tieghu li kienu saru kambjali wkoll ghal-Lm30,000.

Fuq dana l-punt xehed Dr. K. Bonnici li kien wiehed mill-persuni li rredigew dina l-iskrittura u kkonferma li dina l-parti trid tinqara *in toto*. Hu kien iddiskuta dana l-paragrafu ma Dr. Borg u kien qallu li peress li kienu ser jigu ffirmati kambjali ma riedx li jinqala' l-kaz li wiehed ifittex dak il-ftehim u jfittex ukoll ghal dan l-ammont permezz tal-kambjali u allura qallu biex inizzlu li l-bilanc u l-kambjali jammontaw ghall-istess kreditu. Kambjali kienu gew iffirmati biss ghal Lm150,000 u t-Lm30,000 ma sarux kambjali fuqhom ghax kienu ser jigu konsenjati zewg vetturi.

Apparti dana, il-konvenut xehed ukoll li meta saru l-kambjali ghal Lm180,000 hu ha fotokopja taghhom permezz tas-sur Tony Mamo, u dawn id-dokumenti kienu ghadhom ghandu. Izda meta nghata z-zmien biex ifittixhom hu ma sabhomx u ma gewx prezentati ebda kopji

fil-Qorti tat-Lm30,000.

*Inoltre* jirrizulta li l-attur u ibnu kkonfermaw li dak in-nhar li sar il-ftehim kienu saru biss kambjali ghal Lm150,000 u l-kumplament kellu jithallas permezz ta' zewg karozzi. Il-kambjali ghal Lm150,000 kienu gew girati fuq terzi persuni u l-konvenut qal li qed ihallashom. L-attur xehed li hu ma kellu ebda kambjali ohra x'jiggira. Il-konvenut xehed li l-kambjali ghal Lm30,000 qeghdin ghand l-attur, imma wiehed kien jistenna li kieku dawn kienu ghand l-attur li dana kien jiggirahom ukoll jew jipprezentahom lill-konvenut. Naturalment la m'ghandux kambjali ma jista' jaghmel xejn minn dana.

Il-konvenut xehed ukoll li kienu saru kambjali ghal Lm180,000 u mbaghad l-attur ried jaccerta ruhhu dwar il-pagament tal-karozzi b'kambjali ta' Lm30,000. Il-Qorti tistaqsi ghalfejn kellu jaccerta ruhhu b'dana l-mod jekk skond l-attur l-kambjali saru ghal Lm180,000 mill-bidu nett.

Kwantu ghall-eccezzjoni tal-konvenut li l-attur ma marx ghal karozzi, jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut stess li hu ma setghax jikkonsenja l-karozzi billi hu kellu problemi mal-bank dwar finanzjament.

Fl-eccezzjoni ulterjuri tieghu l-konvenut qal li l-ammont pretiz qatt ma jista' jkun dovut *stante* li l-istess atturi naqsu li jonoraw l-obbligu taghhom minnhom assunt fl-artikolu 4 u ma ttrasferewx lis-socjeta' konvenuta l-ishma fis-socjeta' Gaff Import Limited.

Dwar din l-eccezzjoni jirrizulta mill-provi li l-attur kien ipprova jottempera ruhhu mal-ftehim izda meta l-avukat tieghu kien avvicina lill-konvenut dana qallu biex ikellem lil avukat tieghu izda t-*transfer* ma setghax isir.

Illi l-attur f'dina l-kawza qed jitlob pagament mensili ta' Lm6,000 skond l-artikolu 5 ta' l-istess ftehim minhabba nuqqas ta' konsenja tal-vetturi u mill-provi prodotti jirrizulta li dana l-ammont hu dovut.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti billi tilqa' t-tieni talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' Lm6,000 dovuti skond skrittura privata datata 27 ta' April, 1999.

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**